IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 29-2017(23_02_17)**

**23 ta' Frar 2017**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Carmen Said ippresjediet il-laqgħa.

**29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

29.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

29.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħat preċidenti numri 27-2017(25_01_17) u 28-2017(14_02_17 – Laqgħa b'urġenza) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

29.3.1 Is-Sindku ma kellhiex x'tirraporta.

**29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

29.4.1 Is-Sur Paul Curmi staqsa dwar il-ħajt ta' Triq Ras il-Bajjada, rigward il-problema ta' sid ta' bir fi Triq Ras il-Bajjada għaliex ma huwiex jidħol ilma fil-bir u rigward il-proposta li ssir demmiela fil-Munxar. Dwar il-ħajt, il-Kunsill għamel it-talba bil-miktub lid-Dipartiment Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex; rigward l-ilma tal-bir, il-ħaddiema tas-CMU ser jirranġaw il-katusa ta' taħt il-bankina; rigward id-demmiela, l-Awtorità tal-Ippjanar ma rċevietx applikazzjoni u l-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex ser issir wara li tiġi deċiża aġenda.

29.4.2 Is-Sur Damien Spiteri staqsa x'passi ħa l-Kunsill sabiex issir ħadida fuq il-bankina sabiex iserraħ sid il-post meta jkun dieħel jew ħiereġ. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkuntatja lil Transport Malta u huwa staqsieh jekk fid-dar hemmx nies joqogħdu hemm.

29.4.3 Is-Sinjorina Sonja Abela staqsiet jekk tistax terġa' ssir laqgħa ta' informazzjoni mingħand Marion Mizzi Wellbeing. Is-Sindku wieġbet fl-affermattiv.

**29.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

29.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien attenda *seminar* organizzat mill-ANSEK fit-2 ta' Frar 2017. F'dan is-*seminar* kien hemm preżenti s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onor. Dr Stefan Buontempo u l-Kelliem għall-Oppożizzjoni s-Sur David Agius. F'din il-laqgħa, barra li ġie mniedi l-Premju Segretarju Eżekuttiv, ġew diskussi dwar ir-*remuneration* lill-kunsilliera u l-għoti tal-*performance bonus* lis-Segretarju Eżekuttiv u skrivani.

29.5.2 Il-Kunsill qed jutilizza tliet ħaddiema tal-Community Workers Scheme Enterprise Foundation u wieħed minnhom dalwaqt jagħlaq sena mal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv talab laqgħa mas-Sur Kenneth Cutajar, General Manager, District Operations Ltd. L-ewwel laqgħa saret bejn is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Cutajar u s-Sur Victor Scerri. F'din il-laqgħa ġie diskuss dwar ir-responsabilità jekk xi ħadd mill-ħaddiema jweġġa' waqt id-dmirijiet tax-xogħol. Is-Sur Cutajar ikkonferma li r-responsabilità hija tal-Fondazzjoni u fil-fatt il-ħaddiema kollha huma inxurjati. Importanti li l-ħaddiema jingħataw *safety equipment* li jrid ikun ipprovdut mill-Kunsill u jiffirmaw fil-bidu u t-tmiem tal-ġurnata xogħol. Fil-laqgħa li saret mal-ħaddiema, huma lmentaw li sabiex jagħmlu ċertu xogħol qed jużaw makkinarju, għodod u vetturi tagħhom privati. Huma qablu li jiġu kkumpensati b'sigħat tax-xogħol.

**29.6 Korrispondenza**

29.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 5/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva Finanzjarja – Skema Attivitajiet Kulturali'.

29.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 6/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett '*Allowance* lill-Kunsillieri'.

29.6.3 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward is-*seminar* fuq is-suġġett 'Il-Valletta 2018 f'Għawdex u x'legat ser jitħalla f'Għawdex wara l-2018'.

29.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 12/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Stedina għall-dibattitu mas-Sindki u l-Kunsilliera'.

29.6.5 Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta rigward diversi applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar fil-lokalità tal-Munxar.

29.6.6 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Regional Coordinator – Gozo tal-Fondazzjoni Valletta 2018 rigward is-*seminar* 'Culture Matters'.

29.6.7 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Federation of Organisations Persons with Disability (MFOPD) rigward il-'European Conference on Inclusive Workplaces: Employment of Persons with Disabilities in the Labour Market', bejn is-16 u d-19 ta' Frar 2017.

29.6.8 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Standard Operating Procedure 01/2017 li tirrigwardja l-iskema ‘Irrestawra Darek’.

29.6.9 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tat-63 laqgħa tad-9 ta’ Frar 2017, l-Iskeda tal-Ħlasijiet Numru: 47 u l-Minuti tal-Laqgħa Numru 62 ta’ dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

**29.7 Ilmenti**

29.7.1 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju tal-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex fejn infurmaw lill-Kunsill li l-Kumitat sejjer joqgħod fuq din l-informazzjoni:

1. Il-Kunsill Lokali ddeċieda li l-estenzjoni li saret mal-eqdem triq fir-raħal tal-Munxar, jiġifieri, Triq il-Munxar ma tingħatax isem ġdid iżda tibqa’ tiġi kkunsidrata bħala estenzjoni ta’ Triq il-Munxar kif ilha tidher minn meta r-residenzi tal-post ġew okkupati min-nies.

2. Triq ġdida fi Triq Ta’ Rinota, il-Kunsill ikkonferma li veru hemm dan l-iżvilupp u wkoll issuġġerixxa li tingħata l-isem ta’ Triq Sant’Anieze wara l-isem ta’ Kappella ddedikata lil Sant’Anieze ta’ Naurata f’dawk l-inħawi. Il-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex unanimament aċċetta li jingħata dan l-isem.

29.7.2 Il-Kunsill irċieva talba sabiex parti minn bankina fi Triq ir-Ranċiż li hija miksura, titranġa. Din tranġat mill-ħaddiema tal-Kunsill.

29.7.3 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta’ Triq it-Torri fejn qed jilmenta li xi sajjied qed ikun jistad fuq il-blat u qed juża *generator* żgħir għad-dawl. Huwa qal li l-ħsejjes huma inaċċettabbli. Il-Kunsill ħa nota dwar dan.

29.7.4 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta’ Andar Apartments. Hija qed tilmenta li s-siġar taż-Żebbuġ li hemm fi Ġnien Ragalna għandhom bżonn żabra. Il-ħaddiema diġà ntbagħtu jiżbru iżda issa sabiex ikollhom aċċess fl-għoli, ser jinkera *cherry picker*.

29.7.5 Il-Kunsill irċieva *e-mail* b’ritratt ta’ skart li ntrema fil-wied tax-Xlendi. Din il-persuna qed titlob sabiex il-wied jitnaddaf u jitwaħħlu tabelli sabiex dan l-abbuż jiġi mrażżan.

29.7.6 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bankina ġdida fi Triq Dun Spir Gauci, Il-Munxar. Is-sid qed jitlob il-materjal u huwa ser ipoġġi l-bankina. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li ma jagħmilx għetiebi fil- jew fuq il-bankina.

29.7.7 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarja Kumitat l-Għid f’Għawdex 2017. Qegħdin jiġbru informazzjoni tal-attivitajiet tal-Għid li ser isiru madwar Għawdex kollu sabiex ikunu inklużi fil-ktejjeb ‘L-Għid f’Għawdex 2017’.

29.7.8 Il-Kunsill irċieva kopja ta’ ittra li l-Awtorità tal-Ippjanar bagħtet lill-Perit Herman Bonnici rigward l-applikazzjoni sabiex it-Torri tax-Xlendi jiġi restawrat. Il-perit ser jieħu azzjoni dwar dan.

29.7.9 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Mariella Silvio, Legal Officer fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-istemma tax-Xlendi. Qed tintalab konferma mill-Kunsill li qed jaqbel mal-istemma proposta biex ikun hemm approvazzjoni mill-Ministru. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

29.7.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Bjorn tal-ALS Malta fejn qed jistieden lill-Kunsill sabiex jagħti €300 waqt il-programm Xarabank ta’ nhar il-Ġimgħa, 3 ta’ Marzu 2017. Il-Kunsill ma jistax jagħti donazzjoni iżda l-membri huma fil-libertà li jieħdu inizjattiva personali.

Il-ħin kien is-5.45 ta’ filgħaxija u s-Sur Paul Curmi talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

29.7.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta żewġ kwotazzjonijiet mingħand is-Sur Carl Farrugia ta' €12.50 kull siegħa u ta' Dr Pace Axiaq ta' €8.50 kull siegħa sabiex jagħtu servizz lill-Kunsill dwar Fondi tal-Unjoni Ewropea. Is-Sindku ssuġġeriet lis-Sur Carl Farrugia peress li l-esperjenza fuq fondi hija l-aktar vasta. Is-Sur Robert Mallia u s-Sinjorina Sonja Abela qablu iżda s-Sur Damien Spiteri xtaq li jintgħażel min hu l-orħos wieħed.

29.7.12 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill sabiex japprova u jsir kisi taħt il-ħitan bil-*concrete* fejn għadu ma hemmx *concrete* fi Triq Żgħawri. Talab approvazzjoni wkoll sabiex issir *corner mirror* fi *blind corner* fl-istess triq. Kien hemm qbil dwar dan.

**29.8 Il-vakanza ta' Uffiċjal Eżekuttiv *full-time***

29.8.1 Il-Kunsill ħareġ sejħa interna fil-Kunsilli Lokali u Reġjuni għal dawk il-persuni li jkollhom il-kwalifiki rikjesti jew tliet snin esperjenza. Il-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda iżda ġiet irtirata ġimgħa qabel l-intervista.
Ġie deċiż li ngħaddu għall-proċess li jmiss, jiġifieri, li nitolbu lista ta' persuni li qed jirreġistraw fuq parti 1 mal-Jobsplus.

**29.9 Il-Karnival fil-Munxar 2017**

29.9.1 Din is-sena l-Karnival fil-Munxar ser isir is-Sibt, 25 ta' Frar 2017 fis-1 ta' waranofsinhar fil-Pjazza tal-Knisja. Din is-serata ser tkun ippreżentata mis-Sur Alvin Scicluna u ser ikun hemm danza tat-tfal u danza tal-kbar mill-Għaqda Danza Karnival Nadur għall-prezz ta' €150, danza *hilarious* mill-grupp tas-Sezzjoni Żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Santa Marija taż-Żebbuġ għall-prezz ta' €150, danza tal-kbar mill-grupp tas-Soċjetà Filarmonika La Stella għall-prezz ta' €250, danza mill-grupp 3RIO Carnival Dance Company għall-prezz ta' €250, karru mis-Sezzjoni A u danza minn Labonski Company għall-prezz ta' €250, Maskaruni Grotteski mill-grupp ta' Joseph Vella għall-prezz ta' €150 u danza mill-grupp Għaqda Dilettanti tal-Karnival għall-prezz ta' €500. Is-*sound* ser ikun ipprovdut minn Prostage Sound u dawl ser nieħdu mill-Knisja. Ser jintalab servizz ta' tliet *security guards* sabiex jikkontrollaw it-traffiku u jieħdu ħsieb in-nies jaqsmu l-*main road* għal waqt is-serata.

**29.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

29.10.1 Iċ-*Chairperson* għal darba oħra semma l-moll peress li huwa f'kundizzjoni ħażina ħafna u qed dejjem jaqgħu l-partijiet minnu. Is-Sindku rrimarkat li l-Ministeru għal Għawdex jaf bil-kundizzjoni tal-moll.

Iċ-*Chairperson* semma l-problema tal-borża s-sewda li tinġabar kull nhar ta' Tnejn u Sibt. Ir-residenti qed joħorġu l-boroż is-suwed f'kull ġurnata iżda tal-anqas fil-*weekend* qed ikun hemm nadif għax issir il-ġabra s-Sibt.

Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li xi *divers* fix-Xlendi organizzaw tindif tal-qiegħ tal-baħar tax-Xlendi. Huma ngħataw l-arja u l-għajnuna meħtieġa mid-*diving schools* tax-Xlendi.

Is-Sindku semmiet dwar ilment li rċeviet li fi Triq iż-Żirżieb qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb. Hija diġà waħħlet xi avviżi mal-ħitan, iżda r-residenti ma humiex jikkoperaw.

L-ilmenti li jirrigwardjaw Ix-Xlendi tressqu wkoll fil-laqgħa tal-Kunsill.

Ix-xogħol fil-passaġġ tax-Xlendi tlesta u diġà tkejjel mill-perit. Il-perit ser joħroġ il-kont u wara li l-kuntrattur jitħallas, il-Kumitat jitlob rifuzzjoni mill-UIF (*Urban Improvment Funds*).

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kumitat dwar jekk hemmx il-ħsieb li jerġa' jitwaħħal il-festun fil-passaġġ tax-Xlendi għax-xhur tas-sajf. Huwa qed isaqsi sabiex jekk dan ser jerġa' jitwaħħal mal-fanali, iridu jsiru *poles* tal-ħadid bejn kull fanal sabiex il-festun jibqa' stirat u l-pubbliku ma jkunx jista' jilħaq il-bozoz għax is-sajf li għadda hekk kien ġara. Dawn il-*poles* ser isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

It-Taqsima tal-Kultura infurmat lill-Kumitat li għas-sajf 2017, kien ser jerġa' jsir il-*festival* taċ-ċeramika fil-5 t'Awwissu 2017. Il-Ministeru għal Għawdex ser iħallas għall-Fjakkolata sa €1,500. Għaldaqstant, il-Kumitat irid iħallas għall-kumplament tal-attivitajiet li jsiru fix-Xlendi.

Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalità LPA/02/2017, li saret fis-16 ta' Jannar 2017, ġew iffirmati.

Ġie deċiż li bħala xogħlijiet u proġetti għax-Xlendi ser isir il-bdil tal-lanterni tax-xtajta ma' dawk LED's, xiri ta' *litterbins* u jinbidlu s-siġar tal-bruk li mietu fi Triq il-Kantra. Ser isir programm ta' *entertainment* fix-Xlendi għas-sajf 2017 u ser jiġu rrapportati dawk il-lampi tat-triq li huma maħruqa fi Triq il-Kantra.

**29.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

29.11.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 29/2017(23_02_17).

**29.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

29.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 23 ta' Marzu 2017 u fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 23 ta' Marzu, 2017

**IFFIRMATA**

Carmen Said
Sindku

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv